**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa b'Urġenza tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk**

**ID-DISA` LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 36** **7 ta' April, 2026**

Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-Binja tal-Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tlieta 7 ta' April fid-9.45 ta' filgħodu.

Din il-laqgħa ixxandret 'live' permezz tas-sistema tal-'online streaming' kif wkoll kienet miżmuma bis sistema tal-'Video On Demand' u mtella' fuq il-paġna tal-Kunsill https://marsaxlokklc.gov.mt/live-streaming/

**PREŻENTI:**
Steven Grech - Sindku
Reno Buġeja - Kunsillier
Matthew Buġeja - Kunsillier
Daniel Zerafa - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**
Miriam Camilleri - Viċi Sindku

**ASSENTI:**
Ħadd

**MEMBRI TAL-PUBBLIKU**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Vanessa Galea - Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **36.1** | **Qari ta' Ittri ta' Apoloġija** |
| 36.1.1 | Is-Sa. Miriam Camilleri bagħtet ittra ta' apoloġija sabiex tiġi skużata mill-laqgha għar-raġunijiet li m'għandix kontrol fuqhom. Il-kunsilliera preżenti aċċettaw l-apoloġija u ma' sabu l-ebda oġġezzjoni li tiġi skużata. |
| | |
| **36.2** | **Proġett Delimara** |
| 36.2.1 | Is-Sindku Steven Grech informa lill-membri preżenti li l-laqgħa kienet issejħet bil-għan li jiġi diskuss u tittieħed deċiżjoni dwar is-sitwazzjoni tat-traffiku f'Delimara. Is-Sur Grech saħaq li matul l-aħħar xhur, flimkien mal-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali, kien qed jaħdem fuq proposta li kienet tressqet quddiem il-Kunsill Lokali matul l-2025, u li permezz tagħha kien hemm il-ħsieb li jiġi regolat l-influss ta' vetturi ġewwa Delimara. Huwa żied jgħid li, fir-rigward, il-Kunsill Lokali kien involva lis-Sur Duncan Hall bħala konsulent, u stieden lill-istess Sur Hall sabiex jaġġorna lill-Kunsill Lokali bix-xogħol li kien sar bil-għan li l-Kunsill Lokali jkun iggwidat sabiex jieħu deċiżjoni dwar il-materja.<br><br>Is-Sur Hall spjega kif il-Kunsill Lokali kien fil-passat iddiskuta l-possibbiltà li ż-żona ta' Delimara ma tibqax aċċessibbli għal taxis u vetturi li jkollhom pjanċi tar-reġistrazzjoni li jispiċċaw bl-ittra 'Y'. Dwar il-materja, wara li ġie analizzat x'jinħtieġ li jseħħ, inżammu numru ta' laqgħat ma' entitajiet li b'xi mod kienu involuti, fosthom Transport Malta, u ġie mfassal il-qafas li fuqu l-proġett seta' jiġi implimentat. Huwa żied jgħid li, sussegwentement, beda jiġi abbozzat dokument bil-għan li tinħareġ sejħa pubblika (konċessjoni), li min-naħa tiegħu kien ħa ħsieb li jinkludi l-parametri kollha li ġew diskussi.<br><br>Is-Sur Hall kompla billi ta spjegazzjoni teknika tad-dokument imfassal u elenka numru ta' fatturi li kienu rilevanti, fosthom it-terminu tal-konċessjoni, l-aspett finanzjarju, servizz ta' hop-on hop-off li min ser jingħata l-konċessjoni kien mistenni li jimplimenta permezz ta' vetturi elettriċi, il-punti ta' tniżżil u tgħabbija tal-passiġġieri, u sistema ta' ticketing li kienet qed tiġi proposta li tiġi adottata u li kellha wkoll tiġi implimentata fuq servizz ta' trasport li numru ta' individwi kienu joffru permezz ta' opri tal-baħar privati bejn Delimara u Marsaxlokk.<br><br>Segwiet diskussjoni libera li matulha ġew diskussi bejn il-kunsilliera diversi punti relatati mad-dokument ta' konċessjoni, u saru numru ta' mistoqsijiet li ġew imwieġba mis-Sindku flimkien mas-Sur Hall.<br><br>Finalment, intlaħaq qbil unanimu bejn il-Kunsilliera li l-Kunsill Lokali kellu jipproċedi bid-dokument hekk kif abbozzat u jkun varat il-proċess sabiex l-istess dokument jiġi ppubblikat.<br><br>Is-Sindku informa lill-membri preżenti li kien ser iżomm lill-Kunsill Lokali aġġornat b'eventwali żviluppi dwar il-materja. |

| | |
|---|---|
| | |
| **36.3** | **Tmiem tal-Laqgħa** |
| 36.3.1 | Il-laqgħa intemmet wara li ġiet eżawrita l-aġenda. |

Konfermati, illum 14 ta' April, 2026.

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

________________________ ________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**Vanessa Galea**
*Segretarju Eżekuttiv*

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

________________________ ________________________

***Proponent***

***Sekondant***